**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, il-31 t'Ottubru 2024**

Każ Nru: 493/2014

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Josric Mifsud)

**kontra**

**ANGELUS VELLA**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 573953(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **ANGELUS VELLA**, ta' 62 sena, bin Anthony u Marianna nee' Xuereb, imwieled Tarxien nhar it-13 t'Awwissu 1953, residenti fil-fond numru 14, Flat 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Cospicua u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 573953(M), akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-21 t'Ottubru 2014 u matul is-sena ta' qabel, ġewwa Cospicua u fi bnadi oħra f'ħinijiet differenti:

1. **Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew

għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonjiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u kingħajr ma kellu liċenżja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib prinċipali tal-gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tieigħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**
3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib prinċipali tal-gvern skond id-dispożizzjoni tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenżja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenżja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tieigħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
5. Talli kiser il-provedimenti tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tas-S.T.O Prim'Imħallef Mark Chetcuti tat-28 ta' Lulju 2021[1];

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datata t-22 t'Ottubru 2014, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

(i) <u>Fatti</u>

**L-ispettur Josric Mifsud** jispjega li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Ottubru 2014 xi pulizija stazzjonati ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Bormla semgħu lil Christabel Azzopardi tgħajjat li l-*boyfriend* tagħha, Stefano Caruana, kien safa ferut b'sikkina fi ġlieda. Mill-indaġini preliminari kondotta mill-pulizija rriżulta li din il-ġlieda ġrat fir-residenza tal-qua imputat magħruf ukoll bħala '*Anġlu l-Pah'* u ċioe' ġewwa Flat 14, Blokk 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla. Meta l-pulizija rrikorriet f'dan il-post huma sabu lill-imputat inaddaf id-dmija u b'hekk ġie arrestat filwaqt li ġiet issiġillata l-imsemmija residenza. Iċ-ċwievet tal-istess residenza nżammu mill-qua imputat stess sakemm saret tfittxija hekk kif ser jingħad iktar 'il quddiem. Sussegwentament il-pulizija għaddiet immedjatament għall-arrest tal-allegat aggressur – Julian Cuschieri ġewwa Bormla stess ftit 'il bogħod mill-imsemmija residenza.

[1] Fol. 111 tal-proċess.
[2] Fol. 7 tal-proċess.

Mill-verzjonijiet meħuda mill-pulizija, kemm minn Caruana kif ukoll minn Cuschieri, rriżulta li huma kienu hemm jikkonsmaw il-kokaina fir-residenza tal-imputat u hemm hekk inqalgħet ġlieda bejn Caruana u Cuschieri stess.

Minn tfittxija li saret fir-residenza u fil-prezenza tal-qua imputat Vella nstabu pipa magħmula minn flixkun tal-coca, mera bi traċċi suspettati kokaina, miżien żgħir eletroniku, u sikkina bi traċċi bojod fuqha.

L-ispettur Mifsud ikkonferma ukoll li huwa kien kellem ukoll lil Christabelle Azzopardi u lil Stefano Caruana. Kemm Azzopardi kif ukoll Caruana ikkonfermaw mal-ispettur Mifsud li l-aħħar li kien xtraw id-droga mingħand l-imputat kien xi xahrejn qabel (ċioe' f'Awwissu 2014) madanakollu d-droga li Caruana kien ikkonsma dakinhar ma kienx xtra mingħand l-imputat iżda kien mar hemm biha. Kemm Azzopardi kif ukoll Caruana jispjegaw li l-imputat kien irrabjat għax ma kienux xtraw id-droga mingħandu. Azzopardi spjegat li hija kienet ilha tinqeda mingħand l-imputat għal madwar sena u nofs. Azzopardi u Caruana kkonfermaw l-istqarrijiet tagħhom quddiem il-Maġistrat a tenur tal-artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat kien irrilaxxa ukoll **stqarrija** lill-ispettur Josric Mifsud fil-prezenza ta' PC540 Anthony Fava nhar il-21 t'Ottubru 2014 u dan wara li kien irrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. F'din l-istqarrija huwa stqarr li bħala ntrojtu għandu madwar erba' mitt Ewro fix-xahar bħala pensjoni u kkonferma li l-laqam tiegħu kien "il-Pah". Mistoqsi dwar x'ġara fir-residenza tiegħu huwa spjega li Gilu kien ta daqqa ta' mus lil Stefano u li huwa pprova jferraqhom. Madanakollu ma kienx jaf ir-raġuni għaliex inqala l-argument. Jghid li Ġilu ma kien qed jikkonsma l-kokaina u Stefano kien qed jikkonsma dik il-kokaina li kien ġab miegħu. Jispjega li dan jafu għaliex Ġilu kien qed jitlob id-droga lil Stefano. Mistoqsi dwar l-oġġetti relatati mal-konsum ta' droga li nstabu fir-residenza tiegħu, Vella għażel li ma jweġibx. Mistoqsi jekk huwa qatt biegħx id-droga lil Gilu u lil Stefano, dwar il-qliegħ tiegħu mid-droga, l-prezz tad-droga li kien ibiegħ u l-għaliex kien qed iħalliehom jikkonsma sustanza illegali għandu huwa għażel li ma jweġibx. Mistoqsi jekk għamilx użu mill-kokaina huwa ukoll għażel li ma jweġibx. Huwa għażel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Fix-xhieda tiegħu l-ispettur Mifsud ikkonferma bil-ġurament din l-istqarrija filwaqt li xehed ukoll **PC540 Anthony Fava** li min-naħa tiegħu ikkonferma l-volontarjeta' tal-istess stqarrija.

**L-ispettur Pierre Grech** xehed li nhar l-14 ta' Lulju 2014 ġie eżegwiet mandat maħruġ fil-konfront tal-qua imputat dwar attivita' relatata m'abbuż u traffikar ta' droga ġewwa r-residenza tiegħu. In segwietu għal dan l-istess mandat il-pulizija aċċediet fil-fond Flat 4, Block 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, arrestat lill-qua

imputat u għamlet tfittxija f'din l-istess residenza. F'din it-tfittxija kienu nstabu diversi oġġetti relatati m'abbuż ta' droga. B'hekk ġie meħud fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa rrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija u ffirma dikjarazzjoni[3] in sostenn ta' dan. Fl-istqarrija[4] huwa kien stqarr li kien ilu diversi snin jabbuza mid-droga kokaina u li l-oġġetti li nstabu f'din ir-residenza kienu tiegħu. Huwa stqarr li kien ipejjep bejn 0.2 u 0.3 grammi kokaina kuljum. Stqarr ukoll li d-droga ma kienx jixtrieha iżda kienu jiġu diversi nies għandu li jġibu d-droga magħhom, jippreparahielhom u joqgħodu jpejpuha flimkien. Jgħid li kien ilu jagħmel dan tant li għandu klijenti abitwali. F'din l-istqarrija ammetta ukoll li qabel ma beda din l-uzanza kien jixtri d-droga mingħand persuna li llum kienet mejta. Huwa baqa' ma identifikax lil din il-persuna. Mistoqsi dwar l-użu tal-miżien huwa jispjega li jużah sabiex jiżen id-droga bil-għan li ħadd ma japprofita lilu nnfisu. Jispjega li dan kien ġie elevat mill-pulizija tad-distrett ta' Bormla u kien ngħata lura lilu l-ġurnata ta' qabel ġie arrestat mill-iskwadra ta' kontra d-droga. Jgħid li huwa qatt ma biegħ droga. Vella kien għażel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

**WPS 284 Therese Vella** kkonfermat li nhar l-14 ta' Lulju 2014 kien ġie ezegwiet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat. Hija spjegat li mit-tfittxija li saret ġewwa l-fond Flat 14, Block 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla ġew elevati *eletronic scales* ta' kulur silver bi traċċi fuqu minn ġewwa l-kċina; żewġ boroż bil-kantunieri maqtugħin bi traċċi bojod, *craft knife* bi traċċi wkoll kif ukoll ammonia u foil.

Illi fil-proċeduri odjerni l-prosekuzzjoni esebit tlett stqarrijiet ġuramentati a tenur tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. **Christabelle Azzopardi**, ikkonfermat bil-ġurament l-istqarrija rrillaxata lill-pulizija nhar l-24 t'Ottubru 2014 fl-intier tagħha u dan quddiem il-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Anthony Vella. F'din l-istqarrija hija kienet stqarret li ma kelliex laqam u lanqas impjieg. In kwantu għall-inċident li fih Stefano Caruana sofra daqqa ta' sikkina hija spjegat li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 t'Ottubru 2014 hija u Caruana kienu qegħdin għand Anġlu l-Pah[5] biex jieħdu l-kokaina li kienu ġabu magħhom. Anġlu l-Pah ma ħax pjaċir b'dan tant li rrabja magħhom talli ma xtrawx il-kokaina mingħandu. Tkompli tispjega li waqt li kienu qed jieħdu l-kokaina l-Gillu beda jitlobhom biex ituh ftit iżda ma kellhomx biżżejjed għalih. Il-Gillu offra li jpartat il-mus li kien fil-pussess tiegħu mal-aħħar nifsijiet li kien hemm tal-*crack cocaine* madanakollu Caruana rrifjuta. Għaldaqstant il-Gillu beda jgħajjar lil Caruana,

[3] Dok PG, fol. 80 tal-atti proċesswali. Xehed PS 839 Stephen Micallef li kkonferma l-volontarjeta' tal-imsemmija dikjarazzjoni (fol. 86)
[4] Dok. PG1, fol. 81 tal-atti proċesswali. Stqarrija meħuda nhar il-15 ta' Lulju 2014 mill-ispettur Pierre Grech fil-prezenza ta' PS 1044 G. Calleja.
[5] Li hija għarfet bħala l-persuna fir-ritratt esebiet a fol. 77 li kjarament jidher li huwa l-qua imputat.

b'dan tal-aħħar beda jirrispondieh. F'mument minnhom il-Gillu qabeż b'mus f'idu għal fuq Caruana, tah daqqa bil-mus filwaqt li beda jlissen il-kliem 'noqtlok irrid'. Hija u l-imputat ipprovaw jifirduhom. Hekk kif il-Gillu ra d-dmija huwa telaq jiġri mill-kċina filwaqt li x-xhud Christabelle Azzopardi marret tiġri tagħmel rapport lill-pulizija. Mistoqsija mill-pulizija hija spjegat li mingħand il-qua imputat il-kokaina kienu jixtruha bil-prezz ta' tlettin jew erbgħin Ewro. Ikkonfermat ukoll li l-aħħar darba li hi u Caruana kienu xtraw mingħand il-qua imputat kien madwar xahrejn qabel l-inċident hawn fuq imsemmi. Tgħid ukoll li damet tinqeda mingħand il-Pah għall-kokaina għal madwar sena u nofs (ċioe' l-perjodu li fih kienet f'relazzjoni ma Caruana). Tispjega li meta huma kienu jixtru d-droga mingħandu kienu jikkonsmawha hemmhekk. **Stefano Caruana**, ukoll ikkonferma bil-ġurament l-istqarrija rrillaxata lill-pulizija nhar l-24 t'Ottubru 2014 fl-intier tagħha u dan quddiem il-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Anthony Vella. F'din l-istqarrija huwa ukoll kien spjega li ma għandux laqam jew impjieg. Spjega ukoll x'wassal għall-inċident li permezz tiegħu hu safa ferut b'mus fejn qal li l-argument inqala għax il-Gillu ried mill-kokaina tiegħu iżda huwa ma riedx itih. F'ħin minnhom il-Gillu talbu jpartat il-mus b'manku abjad ma nifs mill-pipa, madanakollu huwa rrifjuta. B'hekk qam argument bejniethom fejn il-Gillu qabeż fuqu u tah daqqa ta' mus waqt li beda jgħidlu 'noqtlok'. Jgħid li bil-mus huwa pprova jolqtu f'wiċċu. Jgħid ukoll li kien il-qua imputat li rnexxielu jaqgħilu minn fuqu u tefgħahom it-tnejn barra. Jikkonferma ukoll li t-tfajla tiegħu marret immedjatament tagħmel rapport lill-pulizija. Fl-istess stqarrija l-imputat jgħid li kien ilu madwar xahrejn ma jieħux il-kokaina. Jgħid li kien qed iħallas madwar Eur. 50 għal kokaina. Caruana jinnega li l-Ġillu kien tah madwar Eur. 20 għal nifs kokaina. Jispjega li l-kokaina li kellu fil-pussess tiegħu dakinhar tal-inċident fir-residenza tal-qua imputat ma kienx xraha mingħand l-imputat iżda kien ġabha miegħu. Iżid li kien ilu jmur għand il-qua imputat għal madwar sena u li l-aħħar li kien xtara d-droga mingħand il-qua imputat kien madwar xahrejn qabel l-inċident għall-prezz ta' tletin Ewro. Jgħid ukoll li ħafna drabi kien jikkonsmawha flimkien.

**Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll l-istqarrija ġuramentata ta' Julian Cuschieri quddiem il-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera**. F'din l-istqarrija Cuschieri jikkonferma li huwa magħruf bil-laqam 'Gilu' u jagħmel referenza għall-inċident li kellu ma' Stefano Caruana. F'dan ir-rigward huwa jispjega li huwa, Stefano Caruana u Christabelle Azzopardi kienu bħas-soltu għand il-qua imputat jieħdu l-kokaina. Jispjega li qam argument bejnu u bejn Caruana. Il-Gilu jispjega li waqt dan l-argument Caruana qam għalih b'xi ħaġa f'idu u biex jiddefendi lilu nnifsu ħadlu dak li kellu f'idu u tah daqqa biha. Huwa jgħid ukoll li wara telaq jiġri 'l barra. Jikkonferma li ferraqhom il-qua imputat. Iktar tard fl-istqarrija Cuschieri jerġgħa jagħmel referenza għal dan l-

argument u jispjega li fir-residenza tal-qua imputat kien isib il-kokaina msajra. Hekk kif wasal huwa mar biex jieħu. Caruana talab u l-Gilu ħallas Eur. 20. Hekk kif il-Gilu kien qed jieħu l-kokaina Caruana qam għalih u ġie biex itih. B'hekk huwa qabad sikkina li ma kinitx tiegħu u ta daqqa lil Caruana biha. Mistoqsi jekk ġieli xtrax id-droga mingħand il-qua imputat Cuschieri jwieġeb li xtara diversi drabi. Mistoqsi l-aħħar darba li nqeda mingħand l-imputat għall-kokaina wieġeb li kien fis-sajf. Quddiem il-Maġistrat, Cuschieri spjega li kien ilu jixtri l-kokaina mingħand il-qua imputat għal dawn l-aħħar xhur, xi sitt darbiet jew tmienja u li jagħmel dan billi jmur fir-residenza tiegħu u jikkonsmaha hemmhekk ukoll. Jgħid li hemmhekk ikun hemm ħafna nies li mhux kollha jkun jafhom.

**Stefano Caruana**, ħa l-pedana tax-xhieda fil-proċeduri odjerni wara li l-proċeduri fil-konfront tiegħu ġew definittivament deċiżi. Huwa spjega li kien qala daqqa ta' sikkina waqt li kien għand Anglu l-Pah, li huwa għaraf fl-Awla bħala l-persuna imputata, ġewwa Bormla. Mistoqsi meta kien dan huwa jgħid li ma jiftakarx. Jgħid li huwa qatt ma xtara droga mingħand Anġlu l-Pah u li dakinhar kien qiegħed fir-residenza tiegħu ghax kien ħa l-kokaina biex ipejjipha hemmhekk tenut kont li kemm hu kif ukoll Christabelle Azzopardi ma kellhomx residenza tagħhom dak iż-żmien. Jgħid ukoll li Anġlu kien ikeċċieh 'il barra mir-residenza tiegħu iżda huwa baqgħa jmur hemm għax huwa fitt. Wara li saret referenza għax-xhieda li Caruana stess kien ta' quddiem il-Maġistrat a tenur tal-artikolu 24A(12)(13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Caruana stqarr li kien żball meta ddikjara li xahrejn qabel l-inċident kien xtara l-kokaina mingħand Anġlu l-Pah għax huwa qatt ma kien xtara mingħand Anġlu l-Pah. Jgħid li dakinhar huwa beda jfarfar bl-addoċċ biex jeħles. Iddikjara ukoll li huwa ħadd ma kellmu qabel ġie jixhed fil-proċeduri odjerni.

Xehdet ukoll **Christabelle Azzopardi** li kkonfermat li hija kienet għand il-qua imputat ġewwa Bormla flimkien mal-ex boyfriend tagħha Stefano Caruana meta dan tal-aħħar kien qala daqqa ta' sikkina mingħand ċertu Gin Luke (magħruf bil-laqam Ġillu). Hija spjegat li kienet tmur għand Anġlu l-Pah sabiex ipejjpu l-kokaina u kien propju Caruana li kien jaħmel l-arraġamenti neċessarji m'Anġlu. Hija spjegat li Caruana kien jixtri d-droga (bil-flus jew bid-dejn) mingħand il-qua imputat. Mitluba tikkjarifika f'liema perjodu kien dan hija tgħid li ma tiftakarx bi preċizzjoni għalkemm jista' jagħti l-każ li kien madwar seba' snin ilu. In kontro-eżami, Azzopardi spjegat li biex jagħmel l-arranġamenti neċessarji Caruana kien jidħol fil-kamra fejn kien ikun Anġlu filwaqt li hija kienet tibqa' fil-kċina. Konsegwentament hija ma kinitx tkun preżenti għal dak li huma jkunu ftehmu iżda kienet tkun fl-istess residenza ma Caruana u kien jgħidilha hu ukoll. Hija tgħid li għad-droga hija kienet tgħaddiehom lil Caruana li min-naħa tiegħu kien jużahom iħallas lill-Anġlu għad-droga. Hija tispjega li meta kienu jmorru jpejjpu

għand Anġlu l-Pah kien ikun hemm diversi nies oħra jpejjpu ukoll inkluż Anġlu l-Pah. Hi tgħid li kien ikun hemm madwar ħames jew sitt persuni.

Xehed **Julian Cuschieri** li għaraf lill-imputat bħala Anġlu l-Pah li kien dak il-persuna li kien imur jixtri l-kokaina msajjra mingħandu mir-residenza tiegħu ġewwa Bormla għal perjodu ta' sena fejn kien imur għandu madwar darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa. Dan kien jagħmlu għall-prezz ta' għoxrin, tletin u erbgħin lira. Jgħid li huwa kien jikkonsma din is-sustanza jew għand Anġlu stess jew inkella l-ġibjun li hemm kif taqbeż il-mina ta' Santa Liena, ġewwa Bormla. In kontro-eżami l-istess xhud jgħid li dan li qed jixhed dwaru ilu madwar erba' jew ħames snin jew iktar.

Għażel li jixhed volontarjament l-imputat, **Angelus Vella**. Huwa spjega li fis-sena 2014 kien hemm inċident fir-residenza tiegħu bejn żewġ persuni li kienu jmorru għandu. Huwa jispjega li dawn it-tnejn min-nies ma kienx ikollhom fejn joqgħodu u għaldaqstant kienu jmorru għandu. Jispjega li f'dan l-inċident huma kien iġġieldu bejniethom u huwa kien mar jifridhom. Jgħid li dawn in-nies għandu kienu jikkonsmaw il-kokaina filwaqt li kienu jtuh naqra. Bil-ġurament huwa jinnega li qatt biegħilhom il-kokaina. In kontro-eżami, Vella jwieġeb li dakinhar tal-inċident Caruana u il-Ġillu damu għandu madwar siegħa.

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari, din il-Qorti ser tibda billi tindirizza t-talba tal-imputat magħmula fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2023 għall-isfilz tal-istqarrijiet rrillaxati minnu ġaladarba dawn l-istqarrijiet ttieħdu mingħajr ma l-imputat kien legalment assistiet waqt l-istess u mingħajr ma ġie offrut id-dritt li jkun hekk assistiet[6]. Stqarrija minnhom ttieħdet nhar il-21 t'Ottubru 2014 mill-ispettur Josric Mifsud filwaqt li l-oħra ttieħdet nhar il-15 ta' Lulju 2014 mill-ispettur Pierre Grech. Fiż-żewġ istanzi l-imputat ġie mgħoti t-twissijiet u d-drittijiet spettanti lilu fil-liġi nkluż id-dritt tal-assistenza legali li dak iż-żmien li ttieħdet l-istqarrija (2014) kien limitat għal siegħa biss qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat irrifjuta dan id-dritt fiż-żewġ istanzi. Jingħad ukoll li mill-atti proċesswali jirrizulta li Vella fl-ebda istanza ma ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija (li ma jistgħa qatt jiġi ekwiparat mad-dritt tal-assistenza legali limitat għal qabel il-bidu tal-istqarrija).

F'dawn l-istanzi, il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija et**[7], irribadiet li:

> *"Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belgju deċiża mill-Grand*

[6] Fol. 150 tal-atti proċesswali.
[7] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2023

*Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza* *__Carmel Joseph Farrugia v. Malta__* *deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilita' li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu."*

Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt ġie offrut id-dritt limitat t'assistenza qabel l-istqarrija fiż-żewġ istanzi.

Minn qari tal-istess stqarrijiet jirrizulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza għall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh. Fl-istqarrija rrillaxata lill-ispettur Josric Mifsud, f'diversi istanzi, l-imputat għażel kif kellu kull dritt li jagħmel li ma jweġibx għal diversi domandi magħmula lilu. B'hekk ma jirrizultax li l-imputat inkrimina lilu nnifsu. Min-naħa l-oħra fl-istqarrija rrillaxata lill-ispettur Pierre Grech huwa nkrimina lilu nnifsu in kwantu għall-pussess sempliċi tad-droga kokaina fid-dawl tal-fatt li huwa kkonferma li juża l-kokaina billi jpejjipha. Madanakollu jinnega li huwa qatt biegħ jew xort'oħra traffika d-droga. B'hekk l-istqarrijiet irrilaxxati mill-imputat ma humiex prova unika jew esklussiva rigward l-imputazzjonijiet li bihom ġie akkużat Vella. Huwa minnu li l-imputat ammetta għall-pussess sempliċi tal-kokaina madanakollu din l-imputazzjoni hija waħda minima ikkumparata mal-akkużi ta' traffikar u pussess aggravat. Fil-fatt a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess imputazzjoni hija punibbli b'penali u mhux piena stabbilita għar-reati kriminali. Meta ttieħdu l-imsemmija stqarrijiet, l-imputat kellu l-eta' matura ta' sittin sena u minn ħarsa lejn il-fedina penali tiegħu jidher li huwa kellu diversi inkontri mal-pulizija u l-proċess ġudizzjaru. Fil-fatt għalkemm ma kienx assistiet minn avukat waqt l-interrogazzjoni fl-istqarrija rrillaxata lill-ispettur Josric Mifsud xorta għażel, f'istanzi, li jeżerċita d-dritt tas-silenzju u ma jweġibx għal xi domandi li sarulu. B'hekk l-imputat definittivament ma jistgħax jiġi kkunsidrat xi persuna vulnerabbli.

Stabbiliti dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti qieset l-istess fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018[8], u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija f'dan ir-rigward mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[9]. Il-ġurisprdenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-

[8] Li riċentament issir referenza għalihom fis-sentenza mgħotija mill-QEDB fl-ismijiet Lalik vs. Poland, 11 ta' Mejju 2023

[9] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022); Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju

Drittijiet tal-Bniedem tagħmilha ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza t'avukat ma jwassalx bilfors għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, partikolarment il-jedd għal smigħ xieraq, fil-proċeduri ġudizzjarji ta' natura kriminali li jistgħu jittieħdu kontra dik l-istess persuna.

B'hekk fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi, kif ukoll tenut kont li l-istqarrijiet tal-imputat ġew meħuda skond il-liġi viġenti dak iż-żmien (għaldaqstant huma kkunsidrati bħala legalment validi) magħduda mal-fatt li l-istess stqarrijiet ma humiex ikkunsidrati bħala prova unika jew determinanti tal-prosekuzzjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra Vella, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li hija għanda tisfilza l-imsemmija stqarrijiet. Madanakollu fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ser tibaża u tagħmel referenza iktar ampja għal provi l-oħra mressqa mill-prosekuzzjoni.

Fit-tieni lok, jingħad ukoll li għalkemm fiż-żewġ stqarrijiet saret referenza għall-oġġetti li ġew elevati mill-pussess tal-imputat mill-ispettur Josric Mifsud dawn ma ġewx esebiti fl-atti proċesswali. In oltre, għalkemm l-ispettur Pierre Grech esebixxa l-allegata droga elevata mill-pussess tal-imputat[10] u mill-atti proċesswali jirriżulta li din il-Qorti (diversament ippreseduta) ħatret lix-xjenzat Godwin Sammut sabiex janalizza l-istess sustanza[11], ma jirrizultax li l-istess xjenzat Sammut qatt espleta l-inkarigu tiegħu. Għaldaqstant din il-Qorti hija sprovista mill-prova determinanti li dik l-allegata droga hija sustanza skedata a tenur tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Stabbilit dan, allura jsegwi li l-provi rimanenti hija t-testimonjanzi tax-xhieda pajzana: Christabelle Azzopardi, Julian Cuschieri u Stefano Caruana, kemm viva-voce quddiem din il-Qorti u anke l-istqarrijiet ġuramentati tagħhom a tenur tal-artikolu 24A(12)(13) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, Angelus Vella, ġie akkużat bi traffikar tad-droga kokaina u pussess tal-istess sustanzi f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Hekk kif ingħad iżjed 'il fuq Christabelle Azzopardi tat il-verzjoni tagħha kemm fi stqarrija ġuramentata quddiem dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Anthony Vella u viva voce quddiem din il-Qorti hekk kif preseduta. Il-verzjoni mgħotija minn Azzopardi hija waħda konsistenti,veritiera u li għandha mis-sewwa. Hija ma ppruvat taħbi xejn. Il-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda kien jixhed

2022), Emmanuele Spagnol vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija (31 ta' Mejju 2023), Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija et (31.5.23).

[10] Dok. PG2, Fol. 73 tal-atti proċesswali.

[11] Udjenza tat-28 ta' Settembru 2015, fol. 73 tal-atti proċesswali.

dan. Fix-xhieda tagħha hija tgħid kemm hija kif ukoll Stefano Caruana kienu jmorru għand il-qua imputat sabiex jikkonsmaw id-droga kokaina. Tgħid bla tlaqlieq li dakinhar tal-inċident huma ma kinux xtraw id-droga mingħand l-imputat iżda kienu ħaduha magħhom. Madanakollu tispjega ukoll li huma kienu ilhom madwar sena u nofs jixtru d-droga kokaina mingħand il-qua imputat u li l-aħħar li kienu xtraw kien madwar xahrejn qabel l-inċident. Hija spjegat li ħafna drabi wara li jixtru d-droga kokaina (li kienet tkun imsajjra) huma kienu jikkonsmawha għand il-qua imputat stess. Bħala prezz għad-droga, Azzopardi tgħid li huma kienu jħallsu lil Vella bejn tletin jew erbgħin ewro. Stefano Caruana fl-istqarrija ġuramentata rrillaxata minnu kkonferma u kkollobora dak kollu li qalet Azzopardi anke jekk b'iktar riluttanza. Fil-fatt jikkonferma li kien ilu jixtri l-kokaina mingħand il-qua imputat għal madwar sena qabel inqala l-inċident li bih sofra ġrieħi b'mus u li l-aħħar darba li kien xtara kien madwar xahrejn qabel l-istess inċident. Huwa kkonferma dak li qalet Azzopardi li dak inhar tal-inċident huma ma kinux xtraw il-kokaina mingħand il-qua imputat iżda sempliċiment marru jikkonsmawha hemmhekk. Jikkonferma ukoll il-prezz tal-kokaina mingħand il-qua imputat u ċioe' li kien dak ta' tletin Ewro kif iddikjarat Azzopardi. Caruana, fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti (hekk kif preseduta), la kien konsistenti u wisq inqas kredibbli dan mhux biss tenut kont tax-xhieda tiegħu ikunsidrata waħedha iżda anke meta tiġi kkunsidrata fl-assjem tal-provi u t-testimonjanzi tax-xhieda pajzana l-oħra. Fix-xhieda tiegħu viva voce, Caruana stqarr li ma huwiex minnu li huwa kien qatt xtara d-droga mingħand il-qua imputat u ddikjara li kien qal hekk quddiem il-Maġistrat biex jeħles. Din id-dikjarazzjoni waħedha ġa tnaqqas mill-kredibilita' ta' dan ix-xhud. In oltre x-xhieda tiegħu lanqas ma għandha mis-sewwa għaliex ma hemm l-ebda raġuni loġika għaliex persuna (senjatament l-imputat) jilqa' ġo daru diversi nies jikkonsmaw id-droga kokaina mingħajr qliegħ. In oltre jrid jingħad li hekk kif jirriżulta mix-xiehda l-oħra waqt il-proċeduri odjerni Caruana u Azzopardi kienu flimkien fi żmien mertu tal-proċeduri odjerni. Il-verzjoni mgħotija minn Caruana quddiem il-Maġistrat taqbel ma dak iddikjarat minn Azzopardi kemm quddiem il-Maġistrat kif ukoll quddiem din il-Qorti. In oltre il-verzjoni mgħotija minn Azzopardi (kemm quddiem il-Maġistrat kif ukoll quddiem din il-Qorti) u l-verzjoni ta' Caruana quddiem il-Maġistrat taqbel mal-verzjoni mgħotija minn Julian Cuschieri. Fil-fatt anke Cuschieri fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat kif ukoll quddiem din il-Qorti spjega li huwa kien imur jikkonsma l-kokaina għand il-qua imputat u f'istanzi kien jixtri l-istess sustanza mingħandu. Cuschieri, li fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti ukoll tenna is-sustanza tal-verzjoni li kien ta quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, jgħid ukoll li kien jixtri l-kokaina mingħand il-qua imputat diversi drabi u li l-aħħar li kien xtara mingħandu kien madwar xahrejn qabel l-inċident.

Li jagħti l-kredibilita qawwija l-verzjonijiet mgħotija minn Cuschieri, Azzopardi u Caruana quddiem il-Maġistrat huwa l-fatt li minkejja li f'dak il-perjodu Cuschieri kien miġġieled ma Azzopardi u Caruana, ġaladarba huma kienu argumentaw gravament (tant li dan l-argument eskala għal daqqa ta' mus), dawn il-verzjonijiet jaqblu għal dak li jirrigwarda l-qua imputat – ċioe' li huma kienu jmorru għand Anġlu l-Pah sabiex jixtru l-kokaina msajjra, il-prezz li bih kienu jixtruha li bejn wieħed u ieħor it-tlett xhieda jaqblu fuqu[12], u l-fatt li joqgħodu jikkonsmawha hemm. It-tlieta li huma ukoll jikkonfermaw li kien ikun hemm diversi nies hemmhekk.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti issib il-verżjoni mgħotija minn Caruana quddiem din il-Qorti bħala nieqsa mis-sewwa u l-kreddibilita' filwaqt li ssib kredibbli l-verzjonijiet mgħotija quddiem il-Maġistrat Inkwerenti minn Azzopardi, Caruana u Cushieri kif ukoll il-verzjoni mgħotija minn Azzopardi u Cuschieri *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Min-naħa tiegħu l-imputat qatt ma ammetta la fl-istqarrijiet irrillaxati lill-puliżija u wisq inqas fix-xhieda tiegħu mgħotija minn din il-Qorti li huwa ġieli biegħ jew traffika d-droga kokaina, għalkemm jammetti l-użu.

**Konsegwentament, fid-dawl ta' dawn il-provi mressqa, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-imputat traffika d-droga kokaina u li biex għamel dan kien fil-pussess tal-istess kokaina f'ċirkostanzi li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. B'hekk huwa ser jinsab ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet mressqa kontrieh.**

In kwantu għat-**tielet imputazzjoni** li tirrigwarda l-pussess sempliċi tal-kokaina u ċioe' pussess tal-kokaina għall-użu tal-imputat, irid jingħad li kemm mill-istqarrija rrillaxata lill-ispettur Grech u iktar minn hekk mix-xhieda tal-imputat stess jirriżulta li huwa kien jikkonsma s-sustanza kokaina.

> *"Avukat:* *Għal xiex kont tħalliehom jieħdu l-coke għandek?*
>
> *Imputat:* ***Għax kienu jtuni naqra.***
>
> *Avukat:* *Jiġifieri int qatt biegħejtilhom?*
>
> *Imputat:* ***Le, le, le imma huma kienu jtuni naqra.***
>
> *Avukat:* *Jiġifieri int kont iddaħħalhom biex ituk naqra.*
>
> *Imputat:* ***Ħeqq biex nieħu dik in-naqra jien."***[13]

---

[12] Meta qed issir referenza għat-tlett xhieda, fil-każ ta' Caruana qed issir biss referenza għax-xhieda quddiem il-Maġistrat biss, ġaladarba quddiem din il-Qorti huwa nnega li kien jixtri mingħand l-imputat.
[13] Fol. 154 tal-atti proċesswali.

**Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak iddikjarat mill-imputat stess din l-imputazzjoni hija ukoll pruvata sal-grad rikjest mil-liġi.**

**Permezz tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni**, Vella ġie akkużat li huwa reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Ġustiżżja a tenur tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll li kiser il-provedimenti tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) a tenur tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova għajr il-fedina penali tal-istess imputat sabiex tipprova dawn l-imputazzjonijiet. Mill-fedina penali jirriżulta ppruvat li l-imputat instab ħati ta' diversi drabi mill-Qrati ta' Ġurisdizzjoni kriminali. Konsegwentament l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta pruvat. Madanakollu in kwantu jirrigwarda għar-reċidiva a tenur tal-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, huwa ormai paċifiku fil-każistika tal-Qrati Kriminali li l-fedina penali esebita fil-bidu tal-proċeduri hija dokument amministrattiv u waħedha ma tikkostitwixxiex prova skond il-liġi sabiex wieħed jistabillixi li l-imputat huwa reċediv jew li kiser il-provediment tal-Qorti tal-Maġistrat a tenur tal-Kap. 446. **Għaldaqstant, filwaqt li jirriżulta li l-imputat huwa reċidiv fid-definizzjoni tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, fuq nuqqas ta' provi, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillibera lill-qua imputat Vella mir-raba' (in kwantu jirrigwardja l-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali) u mill-ħames imputazzjoni.**

**In kwantu għall-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti ser tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:**

1. In-natura gravi u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-imputazzjonijiet li tagħhom il-qua imputat ser jinsab ħati. Ta' min jgħid li fil-proċeduri odjerni tlett xhieda xehdu li kienu jixtru fuq perjodu twil id-droga mingħand il-qua imputat. In oltre huma xehdu li l-imputat kien issajjarilhom u kien iħallihom jikkonsmaw l-istess fir-residenza tiegħu. Iktar minn xhud wieħed xehed li kien hemm diversi nies jagħmlu dan. Permezz ta' dan l-aġir l-imputat odjern ma kienx biss qed jittrafika d-droga iżda kien anke qed joffri l-mezzi sabiex l-istess droga tiġi kkunsmata faċilment. In-natura tad-droga nvoluta hija dik tal-kokaina li hija droga ferm perikoluża. In kwantu għall-ammont tad-droga jrid neċessarjament jingħad li għalkemm mill-provi mressqa dan ma joħroġx ċar, jirriżulta li diversi persuni (fosthom tlett xhieda) kienu jixtru mingħandu regolarment fuq perjodu ta' żmien. A tenur tal-Kap. 101 din l-aġir huwa punibbli b'piena mandatorja ta' priġunerija effettiva.
2. It-tielet imputazzjoni (pussess sempliċi) qed titqies li ai fini ta' piena hija kompriża fit-tieni imputazzjoni (pussess aggravat). B'hekk ma hijiex ser teroga piena separata għall-istess.

3. Il-fedina penali tal-imputat li tixhed il-karattru refrattarju tal-imputat. Għalkemm l-imputat ser jiġi lliberat mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni xorta jibqa' l-fatt li l-fedina penali tixhed li l-imputat kellu diversi kundanni in konnessjoni ma diversi reati, anke reati ta' droga. Minkejja d-diversi opportunitajiet li huwa ngħata matul iż-żminijiet huwa xorta ppersista bl-attivita' illegali, tant li permezz tal-każ odjern huwa adirittura kien qed jitraffika u jiffaċilita' l-konsum tas-sustanza kokaina (class A drug) lid-*drug users*. Dan minkejja l-eta' matura li llum il-ġurnata għandu.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a), (2)(b)(i) u (ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-regolamenti 5 u 9 tal-Liġi Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali qed issib lill-qua imputat, **Angelus Vella**,:

- **Fuq nuqqas ta' provi, mhux ħati tar-raba' (in kwantu jirrigwardja l-artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali) u tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontrieh, b'hekk qed tilliberah mill-istess;**
- **Ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrieh.**

**Konsegwentament qed tikkundanah għall-piena ta' għoxrin xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf u tminn mitt Ewro (Eur. 1,800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.**

Din, il-Qorti, in kwantu għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundanat sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tiċħad l-istess talba ġaladarba ma jirrizultax li fil-proċeduri odjerni espletaw xi esperti.

**Elaine Rizzo**

**Maġistrat**

**Christine Farrugia**

**Deputat Reġistratur**